

# L-Ispirtu Ħallieq

**(a) Jaħdem fil-ħolqien kollu**

La l-Ispirtu s-Santu hu ħallieq (Salm 103), jaħdem mhux biss fil-Knisja, imma fil-ħolqien kollu.
Ebda żmien u post ma huma mingħajr il-preżenza attiva tiegħu.
Jaġixxi fil-Bibbja u barra minnha; qabel Kristu, fi żmienu u warajh.
"Kull verita', jgħidha min jgħidha, ġejja mill-Ispirtu s-Santu" (S. Tumas Akwinu).
Barra mill-Knisja, l-Ispirtu jaġixxi bil-qawwa tiegħu, fil-Knisja u fis-sagramenti (epiklesi) bil-preżenza tiegħu, *in persona*.

**(b) Nagħmlu esperjenza ta' l-Ispirtu Ħallieq**

L-iktar importanti mhux li nifhmu jew nispjegaw kif isseħħ il-qawwa ta' l-Ispirtu ħallieq, imma li nagħmlu esperjenza tiegħu. Xi jfisser dan?
Kien wara l-azzjoni ta' l-Ispirtu s-Santu li l-ħolqien sar ordinat: id-dawl infired mid-dlam, l-art mill-baħar. L-Ispirtu Qaddis kontinwament jgħaddi l-ħolqien mill-kaos għall-kosmos, mid-diżordni għall-ordni, l-armonija u s-sbuħija. Dan fuq kull livell: fil-*makrokożmu* ta' l-univers kollu kemm hu u fil-*mikrokożmu* ta' kull bniedem singolu:

- fejn hemm il-mibegħda, idaħħal l-imħabba;
- fejn hemm id-dubju, idaħħal il-fidi;
- fejn hemm il-qtiegħ il-qalb, idaħħal it-tama;
- fejn hemm in-niket, idaħħal il-ferħ.

*Dun Edward Xuereb, Kappillan tal-Parrocca ta' l-Ghasri*

## *Jistgħu jinteressawk*

**Il-Ħamis 15 ta' Mejju:** Jum Internazzjonali tal-Familja.
**Is-Sibt 17 ta' Mejju:** Song Festival Marjan organizzat mil-Leġjun ta' Marija (Oratorju Don Bosco)
**Il-Ħadd 18 ta' Mejju:** Solennita' tat-Trinita' Qaddisa.

*gozopress • 21551534*

## It-Talba tal-ġimgħa



*Mulej Ġesu', Int fil-ħajja tiegħek hawn fostna ħallejt li titmexxa mill-Ispirtu Qaddis. Agħmel li jien inkun dejjem attent għal dak li l-Ispirtu s-Santu jnissel fija u nimxi fuq il-pariri tiegħu.*



Djoċesi ta' Għawdex

# Bullettin tal-Ħadd

Solennita' tal-Miġja ta' l-Ispirtu S-Santu • Sena A • Id-39 Sena (2042) • 11 ta' Mejju 2008

**Mill-Evanġelju ta' San Ġwann** (Gw. 20, 19-23)

Dak il-Ħadd fil-għaxija, meta d-dixxipli kienu flimkien imbeżżgħa mil-Lhud, bil-bibien magħluqa, ġie Ġesù u qagħad f'nofshom; u qalilhom: "Il-paċi magħkom!" Kif qal hekk, uriehom idejh u ġenbu. Id-dixxipli ferħu meta raw lill-Mulej. Mbagħad Ġesù tenna jgħidilhom: "Il-paċi magħkom! Kif Missieri bagħat lili, hekk jien nibgħat lilkom." Kif qal hekk, nefaħ fuqhom u qalilhom: "Ħudu l-Ispirtu s-Santu : id-dnubiethom ta' dawk li taħfru jkunu maħfura, u d-dnubiet ta' dawk li żżommu jkunu miżmuma."



*Il-paċi magħkom!*

**RIFLESSJONI**

- Ġesu' mqajjem mill-mewt joffrilna diversi rigali :
  - Ir-rigal tal-Paċi : « Il-Paċi Magħkom »
  - Ir-rigal tal-mandat f'ismu : « Kif il-Missier bagħat lili, hekk jien nibgħat lilkom »
  - Ir-rigal ta' l-Ispirtu s-Santu : « Ħudu l-Ispirtu s-Santu »
  - Ir-rigal tal-maħfra : « Id-dnubiet ta' dawk li taħfru jkunu maħfura »
- Napprezza dawn ir-rigali sbieħ li għandna fil-Knisja ?
- Nagħti widen għat-tnebbieh ta' l-Ispirtu s-Santu li jrid dejjem iġeddidni ?